MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 269/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Etienne Mizzi**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Etienne Mizzi talli f'Hal-Qormi fil-5 ta' Settembru, 2002 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija waqt li kien go Triq l-20 ta' Jannar **(1)** dejjaq lil Fiona Borg billi mar wara l-bieb taghha u cemplilha minn fuq it-telephone cellulari tieghu; u **(2)** talli fl-imsemmija telefonata insultaha bil-kliem *"Missek tisthi ddahhal l-irgiel id-dar"*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Etienne Mizzi mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, izda sabitu hati skond it-tieni mputazzjoni u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Etienne Mizzi, minnu ppresentat fit-8 ta’ Novembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens illu huwa jigi liberat anke mit-tieni imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha 14 ta’ Frar, 2003; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant (migjub fil-paragrafi tar-rikors bin-numri 1, 2 u 3) huwa, bazikament, li ma kienx hemm ingurja ghax ma kienx hemm il-pubblikazzjoni lil terza persuna, ma kienx hemm *animus injuriandi*, u kullma kien hemm kien semplici skambju “ta’ komunikazzjoni bejn zewg persuni”. Din il-Qorti ma taqbilx. F’dan il-kaz veru li ma kienx hemm id-diffamazzjoni skond l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali – liema reat jirrikjedi l-intenzjoni specifika li wiehed itellef jew inaqqas il-gieh ta’ haddiehor – izda l-fatti li jirrizultaw mill-provi certament jammontaw ghall-ingurja kontravvenzjonali kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Dan ir-reat kontravvenzjonali la jirrikjedi intenzjoni specifika u lanqas il-pubblikazzjoni lil terzi. Li ragel jghid lil mara, anke jekk fuq it-telefon, *“Ma missekx tisthi qed iddahhal l-irgiel id-dar?”* (ara d-deposizzjoni ta’ Fiona Borg, fol. 12) meta fil-fatt din ma kienet qed taghmel xejn minn dan, jammonta ghal ingurja fis-sens imsemmi.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti taqbel ma’ l-abbili difensur ta’ l-appellant illi normalment tali reati jigu puniti b’ammenda jekk mhux addirittura b’canfira jew twiddiba. Pero` l-incident *de quo* jinkwadra ruhhu f’sensiela apparentement interminabbli ta’ incidenti – xi whud minnhom vjolenti – bejn l-appellant u Fiona Borg kif jirrizulta mid-diversi sentenzi ezibiti mill-Ispettur Christopher Galea Scannura fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru, 2002. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-piena inflitta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---------------------------------TMIEM---------------------------------